

- (3) Is-sintamma “proprjetà tagħha” (dawk taċ-ċittadin) li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li din tinkludi wkoll id-dritt għal salarju?
- (4) Is-sintamma “fl-interess pubbliku” li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens ta’ “kriżi ekonomika”?
- (5) Is-sintamma “l-użu tal-proprjetà ... safejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku” li tinsab fit-tielet sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens ta’ “tnaqqis tar-remunerazzjonijiet tal-persunal fis-settur pubbliku b’25 %”?
- (6) Jekk l-Istat Rumun inaqas b’25 % ir-remunerazzjoni tal-persunal mħallas minn fondi pubbliċi, billi jinvoka l-kriżi ekonomika u l-ħtieġa li jibbilanċja mill-ġdid il-baġit tal-Istat, it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Rumun huwa meħtieġ iħallas fi żmien utli kumpens ġust lill-persunal ikkonċernat għat-telf subit minn-hom?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Rostock (il-Ġermanja) fit-13 ta’ Awwissu 2012 — proċeduri kriminali kontra Per Harald Lökkevik**

(Kawża C-384/12)

(2012/C 343/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Rostock

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Per Harald Lökkevik

*Parti oħra:* Staatsanwaltschaft Rostock

**Domanda preliminari**

Il-kunċett ta’ vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika wkoll għall-fatt li allegatament jikkawża, permezz tal-indikazzjonijiet ipprovduti fil-proċedura ta’ sussidju, is-sempliċi nuqqas ta’ kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li jiġi evitat l-obbligu ta’ notifika ta’ proġetti ta’ għajjnuna reġjonali għall-investiment bi spiża

totali ta’ mill-inqas EUR 50 miljun, skont il-punt 2.1(i) tal-qafas multisettorjali ta’ għajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta’ investiment (ĠU 1998, C 107, p. 7)?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-15 ta’ Awwissu 2012 — Hi Hotel HCF SARL vs Uwe Spoering**

(Kawża C-387/12)

(2012/C 343/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Hi Hotel HCF SARL

*Konvenut:* Uwe Spoering

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt dannuż seħħ fi Stat Membru (Stat Membru A) meta d-delitt li huwa s-suġġett tal-proċedura jew fl-oriġini tal-allegazzjonijiet imqajma twettaq fi Stat Membru ieħor (Stat Membru B) u jikkonsisti fil-parteċipazzjoni fid-delitt (att prinċipali) imwettaq fl-ewwel Stat Membru (Stat Membru A)?

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta’ Diċembru 2000, dwar ġurisdiżjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängigen Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich (l-Awstrija) fl-20 ta’ Awwissu 2012 — Robert Pflieger et**

(Kawża C-390/12)

(2012/C 343/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich